MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2011

Numru 570/2011

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH MERCIECA**
**SPETTUR JEFFREY CILIA**
**KONTRA**

**JONATHAN ABELA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Jonathan Abela ta' 29 sena, bin John u Maria Antonia Stoner nee' Incorvaia, mwieled Pieta', nhar it- 3 ta' Jannar 1982, residenti 5, Sqaq ix- Xatt numru 2, Pieta' u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 53682M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli nhar it- 28 ta' April 2011 ghall- habta tal- 11.00pm fi Triq ix- Xatt, Pieta';

1) Bil- hsieb li jaghmel delitt ta' serq mill- fond numru 81, Triq ix- Xatt, Pieta', wera dan il- hsieb b' atti esterni w ta bidu ghall- esekuzzjoni tad- delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill- volonta' tieghu, u li kieku gie esegwit kien ikun reat ta' serq aggravat bil- mezz, bil- valur, li ma jeccedix l- €2,329.37, bil- lok, bil- hin ghad- dannu ta' Loridana Cefai u/ jew ta' xi persuna/i u/jew xi entita ohra;

2) Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, w cioe' bieb ta' barra tal- injam fond 81, Triq ix- Xatt, Pieta' liema hsara ma tiskorrix il- €116.47, izda izjed minn €23.29 u li saret ghad- dannu ta' Loridana Cefai u/ jew ta' xi persuna/I u/ jew xi entita ohra;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni tal-konsegwenzi li ggib maghha din l-istess ammissjoni;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza f'din il-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma semplici, u kwazi ta' natura infantili. L-imputat xi zmien ilu kellu relazzjoni ma' Loridana Cefai, u ghal xi raguni inspjegabbli ghall-ahhar, fit-28 ta' April 2011 ried ipattilha ta' xi haga li ghamlitlu fil-passat u allura mar id-dar taghha u ghamel vendikazzjoni fil-bieb ta' barra, bhal li kieku xi hadd ipprova jidhol jisraqha. Dan hu ammess minnu anke fl-istqarrija tieghu esebita fl-atti. Il-Qorti hi perplessa wara l-motiv ta' dan il-kaz, izda tifhem li l-animu tal-imputat seta' kien imfixkel jew imcajpar minhabba fir-relazzjoni passata li kellu mal-vittma. Ghalhekk, kwantu ghall-piena, il-Qorti sejra torbtu b'sanzjoni fil-komunita'.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l- Artikoli 41 (1) (a), 261, 263, 264, 267, 269 (g), 270, 278 (3), 279 (a), 280 (2), 325 (1) (c) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin ai terminu tal- Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------